# Regolamenti Ġenerali għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Malta

## L-Ewwel Sena Sekondarja 2025-2026 Applikanti li twieldu fis-sena 2014

**KRITERJI TAD-DĦUL**

**1.0 L-EWWEL KRITERJU - MAINSTREAM:** Applika bl-għola kriterju applikabli għall-każ tiegħek.

**a. Tfal mid-Djar tal-Knisja.**

**b. Tfal ta' Impjegati ma' skola tal-Knisja jew mas-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija li jistgħu jinkitbu f'dik l-istess skola fejn jaħdem il-ġenitur / kustodju** jew fi skola tal-istess entità reliġjuża. Peress lis-Seminarju tal-Arċisqof u s-Sacred Heart College huma skejjel tal-istess entità reliġjuża, l-impjegati tas-Seminarju li għandhom bniet jistgħu jiktbuhom is-Sacred Heart College u viċi versa, impjegati tas-Sacred Heart College jistgħu jiktbu lis-subien tagħhom fis-Seminarju tal-Arċisqof. Dan il-kriterju se jiġi riferut bħala **"tfal tal-impjegati fl-istess skola".**

L-impjegati tas-Segretarjat, li jistgħu jiktbu lill-uliedhom fl-istess skola fejn jaħdmu, huma l-Kapijiet ta' Dipartimenti tas-Suġġetti li tlett ijiem fil-ġimgħa jgħallmu fi skola partikulari.

Il-ġenitur / kustodju jrid ikun ġie impjegat *full-time* mal-iskola għall-anqas fl-ewwel parti tas-sena skolastika ta' qabel s-sena skolastika tad-dħul li jkun applika għaliha u jkun għadu mpjegat *full-time* ma' skola tal-knisja meta tibda s-sena skolastika li jmiss. Dan jinkludi min huwa mpjegat *full-time* imma temporanjament qaleb għal sigħat imnaqqsa u għad jerġa jkun impjegat *full-time*. Dan ma jinkludiex min hu mpjegat *full-time* b'sigħat imnaqqsa għal tul ta' snin *(Full-Time Reduced Hours).*

It-tfal tal-impjegati ta' dawn l-iskejjel jistgħu jinkitbu fl-istess skola fejn jaħdem il-ġenitur / kustodju, jew fi skola tal-istess entità reliġjuża, jekk l-iskejjel ikollhom postijiet vakanti (ara paragrafu 1.6):

**Subien**: De la Salle, St. Augustine, St. Dominic Savio, St. Elias, St. Michael, St. Paul's Missionary College, Stella Maris College Gżira u s-Seminarju. L-ulied subien tal-impjegati tas-Sacred Heart College jinkitbu s-Seminarju.

**Bniet**: Our Lady Immaculate Ħamrun, St. Dorothy Ħaż-Żebbuġ, St. Dorothy Sliema, St. Francis Sliema, St. Jeanne Antide College Primary School Gudja, St. Jeanne Antide College Immaculate Conception Secondary Tarxien, St. Joseph Blata l-Bajda, St. Joseph Paola, St. Joseph Sliema, St. Monica Birkirkara, St. Monica Gżira, St. Monica Mosta, u s-Sacred Heart College St. Julians. L-ulied bniet tal-impjegati tas-Seminarju jinkitbu s-Sacred Heart College.

**Subien u Bniet**: St. Albert the Great College, St. Aloysius College.

**ċ. Tfal li jkollhom ħuthom jattendu Skola tal-Knisja matul is-sena skolastika 2024-2025 jistgħu jinkitbu fl-istess skola ta' ħuthom jew fi skola tal-istess entità reliġjuża**. L-iskejjel tal-entità reliġjuża jridu jkunu jew it-tnejn f'Malta jew it-tnejn f'Għawdex.

Is-Seminarju tal-Arċisqof u s-Sacred Heart College huma skejjel tal-istess entità reliġjuża, għalhekk bniet li għandhom ħuthom subien studenti s-Seminarju jistgħu jinkitbu s-Sacred Heart College u viċi versa, subien li ħuthom bniet huma studenti s-Sacred Heart College jistgħu jinkitbu s-Seminarju tal-Arċisqof.

Dan il-kriterju ma japplikax għall-aħwa ta' studenti li qegħdin fis-Sixth Form tal-Kulleġġ ta' San Alwiġi, Birkirkara.

Jekk skola tieħu bniet biss ma tistax tapplika għal tifel skont il-Kriterju tal-Aħwa u viċeversa, iżda tista' tapplika skont il-Kriterju ta' "Applikanti Oħra" (paragrafu 3).

Huma eliġibli għal dan il-kriterju:

**i.** Aħwa, mill-istess ġenituri / kustodji u li jgħixu fl-istess dar u familja.

**ii.** Aħwa li għalkemm għandhom ġenituri / kustodji komuni ma humiex jgħixu fl-istess dar u familja imma jqattgħu tal-anqas 20 siegħa flimkien fil-ġimgħa. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, għandu jiġi ppreżentat kull dokument rilevanti **u** dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar li trid issir miż-żewġ ġenituri / kustodji fejn jindikaw is-sigħat fil-ġimgħa li t-tfal jgħixu flimkien fl-istess dar.

iii. Aħwa li għandhom ġenitur / kustodju komuni u li jqattgħu tal-anqas 20 siegħa flimkien fil-ġimgħa. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, għandu jiġi ppreżentat kull dokument rilevanti **u** dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar li trid issir mill-persuni li għandhom il-kura u l-kustodja tat-tfal fejn jindikaw is-sigħat fil-ġimgħa li t-tfal jgħixu flimkien fl-istess dar.

iv. Tfal li qed jitrabbew mill-istess adulti u li jgħixu fl-istess dar u familja. Biex l-applikazzjoni tiġi kunsidrata, għandu jiġi ppreżentat kull dokument rilevanti **u** dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar li l-adulti qegħdin jieħdu ħsieb it-tfal flimkien u jindikaw il-kawża raġjonevoli għal din is-sitwazzjoni. F'dawn il-każijiet, il-Bord tad-Dħul jiddetermina jekk il-kawża raġjonevoli li ġiet ippreżentata hix ġustifikata jew le.

v. Tfal adottati, jew tfal li għalihom hemm ftehim ta' fostering, u li qed jgħixu f'familja li fiha tfal oħra u li xi ħadd minn dawn it-tfal ikun jattendi skola tal-Knisja. Tfal adottati jew fostered jitqiesu bħala aħwa tat-tfal tal-familja li jkunu qed jgħixu fiha. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, għandu jiġi ppreżentat iċ-Ċertifikat mill-aġenzija kompetenti li jindika li t-tifel jew it-tifla huma adottati jew hemm ftehim ta' fostering.

d. **Tfal li qed jattendu skola tal-Knisja u jixtiequ jkunu trasferiti** għal skola tal-Knisja oħra tal-istess entità reliġjuża. Dan it-trasferiment japplika bejn l-iskejjel ta' De la Salle u Stella Maris College Gżira; u l-iskejjel ta' St Joseph Sliema u Blata l-Bajda u bejn St Joseph Paola u St Joseph Sliema jew Blata l-Bajda meta l-ġenitur / kustodju jkun impjegat St Joseph Sliema jew Blata l-Bajda jew meta l-aħwa jkunu jattendu St Joseph Sliema jew Blata l-Bajda.

**Dan il-kriterju ser jibqa jgħodd biss sal-proċess tad-Dħul 2026-2027.**

e. **Eżenzjoni f'każijiet serji ta' żmien barra minn Malta.** Tfal li tista' tingħatalhom eżenzjoni milli jattendu l-iskola minħabba li l-ġenituri / kustodji se jkunu barra minn Malta għal xi raġuni serja. Dawn it-tfal jibdew jattendu l-iskola magħżula fil-proċess tad-dħul.

f. **Tfal fis-Sitt Sena Primarja ta' Skola tal-Knisja bla Kontinwità.** Dawn jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla.

ġ **Tfal ta' Impjegati ma' Skola tal-Knisja jew mas-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija li ma jistgħux jattendu l-istess skola fejn jaħdem il-ġenitur / il-kustodju.** Dan il-kriterju se jiġi riferut bħala **"tfal tal-impjegati fi skola oħra."** Dawn jieħdu sehem fil-polza tal-Għażla.

Il-ġenitur / il-kustodju jrid ikun ġie impjegat *full-time* mal-iskola għall-anqas fl-ewwel parti tas-sena skolastika ta' qabel s-sena skolastika tad-dħul li jkun applika għaliha u jkun għadu mpjegat *full-time* ma' skola tal-knisja meta tibda s-sena skolastika li jmiss. Dan jinkludi min huwa mpjegat *full-time* imma temporanjament qaleb għal sigħat imnaqqsa u għad jerġa jkun impjegat *full-time*. Dan ma jinkludiex min hu mpjegat *full-time* b'sigħat imnaqqsa għal tul ta' snin *(Full-Time Reduced Hours).*

Il-Kriterju 1ġ japplika wkoll għal tfal ta' impjegati li jaħdmu fi skejjel tal-Knisja u tfal tal-Kapijiet tad-Dipartiment tas-Suġġetti tas-Segretarjat li tlett ijiem fil-ġimgħa jgħallmu fi skola partikulari li ma għandhomx dħul fil-Form 1 / Year 7 u t-tfal ma humiex fi Skola ta' bla Kontinwità.

Dan il-Kriterju 1ġ japplika wkoll għal tfal ta' impjegati kif spjegat hawn fuq, fejn hemm klassijiet fl-ewwel sena sekondarja iżda li ma għandhomx postijiet vojta. Jekk jinħoloq xi post japplika l-Kriterju 1b u ma japplikax il-kriterju 1ġ. Dawn l-applikanti għandhom japplikaw bil-Kriterju 1b u 1ġ.

L-iskola tas-Sekondarja ta' St. Aloysius College qed ikollha ħafna applikazzjonijiet tal-aħwa, subien u bniet u ta' tfal tal-impjegati tal-iskola tagħhom. Għalhekk mhux se jaċċetaw tfal ta' impjegati minn skejjel oħra u l-postijiet vakanti li jibqa qed jiġu offruti lil dawk li applikaw bħala "Applikanti Oħra" (Kriterju 3)

Tfal tal-impjegati fi skola oħra jistgħu japplikaw bil-Kriterju 1ġ u jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla. Ikunu jistgħu jagħżlu waħda mill-iskejjel msemmija f'paragrafu 6 barra St Aloysius College skont ir-riżultat tal-polza.

**Tfal tal-impjegati fi skola oħra li jixtiequ jiktbu lit-tfal tagħhom f'St. Aloysius College jew f'waħda mill-iskejjel msemmija f'paragrafu 6, għandhom japplikaw bil-Kriterju 3 bħala "Applikanti Oħra".**

**It-tfal tal-impjegati fi skola oħra għandhom jagħmlu għażla jew li japplikaw bil-Kriterju 1ġ li bih jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla imma b'għażla ristretta ta' skejjel, jew li japplikaw bil-Kriterju 3 bħala "Applikanti Oħra"u jieħdu sehem fil-Polza ta' Parteċipazzjoni. Jekk jgħaddu għall-Polza tal-Għażla ta' Skola jkollhom l-għażla sħiħa tal-iskejjel, dejjem skont ir-riżultat tal-polza.**

**h** Applikanti li kienu eliġibli li japplikaw bi kriterji 1a – 1d u ma applikawx fi żmien stipulat jistgħu japplikaw bil-kriterju 1h **fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra"** (paragrafu 10).

Għal dan il-kriterju, 10 postijiet *mainstream* ser jiġu riżervati. Jekk ikun għad hemm disponibbilta' ta' postijiet fl-iskejjel li l-applikanti ta' kriterju 1h kienu eliġibli għalihom, huma jiġu rreġistrati fihom. F'każ li jkun hemm aktar minn 10 applikanti li applikaw taħt dan il-kriterju, tinżamm polza bejniethom u l-ewwel għaxra jieħdu l-post fl-iskola li kienu eliġibli għaliha.

Dawk li ma jiġux reġistrati fi skola permezz ta' din il-polza, jieħdu sehem fil-polza ta' parteċipazzjoni bħala "Applikanti Oħra". Pero' jitqgħiedu ukoll fil-lista ta' stennija għall-iskola li kienu eliġibli għaliha qabel dawk tal-lista ta' stennija ġenerali, hekk kif indikat f'paragrafu 1.6.

Jekk ma jintużawx il-postijiet kollha li nżammu riżervati għal kriterju 1h, dawn jiżdiedu mat-total ta' postijiet li jkun fadal għall-polza ta' "Applikanti Oħra".

**1.1** Dawn il-Kriterji 1a-1ġ qegħdin f'ġerarkija: l-ewwel jieħdu posthom it-tfal li ngħatatilhom eżenzjoni mill-attendenza, wara jiġu aċċettati t-tfal minn Djar tal-Knisja, imbagħad it-tfal tal-impjegati fl-istess skola, wara l-aħwa, dawk li qed jitolbu *transfer*. It-tfal minn skola tal-Knisja bla Kontinwità u t-tfal tal-impjegati fi skola oħra jagħżlu post skont ir-riżultat tal-polza tal-għażla.

**1.2** Dawk li japplikaw skont wieħed mill-Kriterji 1a-1d ikunu aċċettati sakemm in-numru ta' dawn l-applikazzjonijiet ma jkunx iżjed mill-postijiet vakanti fl-iskola / skejjel rilevanti. Jekk in-numru ta' applikanti jkun akbar:

1. l-ewwel jieħdu posthom it-tfal minn Djar tal-Knisja u warajhom
2. it-tfal tal-impjegati fl-istess skola, wara
3. l-aħwa li ħuthom se jkunu fl-istess skola, warajhom
4. l-aħwa li ħuthom se jkunu fi skola tal-istess entita' reliġjuża, u warajhom
5. ta' transfers.

Meta ma jkunx hemm post għal kull min hu f'wieħed minn dawn il-gruppi, tittella' polza għal dak il-grupp.

**1.3** Jekk in-numru ta' postijiet vakanti jkun biżżejjed ukoll biex jilqa' lit-tfal ta' skola tal-Knisja bla Kontinwità kollha imma mhux ukoll lit-tfal tal-impjegati fi skola oħra, issir polza bejn it-tfal ta' dawn l-impjegati. Dawk li jiġu quddiem ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla mat-tfal ta' skola tal-Knisja bla Kontinwità. Jekk ma jkunx hemm post għat-tfal kollha ta' skola tal-Knisja bla Kontinwità issir Polza tal-Għażla għalihom biss.

**1.4** It-tfal minn Skola tal-Knisja bla Kontinwità u t-tfal tal-impjegati fi skola oħra jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla ma' "Applikanti Oħra" tat-Tielet Kriterju.

**1.5** Għal skop ta' trasparenza jiġu ppubblikati fuq www.knisja.mt l-ismijiet u l-kriterji ta' dawn l-applikanti skola skola.

**1.6** Xi skejjel inizjalment ma jistgħux jaċċettaw studenti, jiġifieri dawk li għandhom 0 fil-kolonna 'Numru ta' Postijiet' paragrafu 6. Pero` jista' jkun li waqt il-proċess tal-Għażla jew minħabba xi raġuni oħra jinħoloq xi post vakanti f'dawn l-iskejjel. Dan il-post jiġi offrut skont il-kriterji tad-dħul u / jew ir-riżultat tal-Polza. Għalhekk min jinteressah għal xi post f'dawn l-iskejjel għandu japplika.

Dak inhar tal-Polza ta' Parteċipazzjoni jittelaw poloz partikulari għal kull skola u kull kriterju. F'dawn il-poloz jieħdu sehem applikanti tal-iskejjel li ma kellhomx postijiet vakanti u l-applikanti li applikaw tard, kriterju (1h), skont il-kriterju li għalih kienu eliġibli. Isiru poloz bejn l-applikanti tal-Impjegati (1b) u tal-Impjegati li applikaw tard (1h) għal istess skola u poloz bejn l-applikanti tal-Aħwa (1c) u tal-Aħwa li applikaw tard (1h) għal istess skola. Jekk ikun hemm bżonn dan isir ukoll għal applikanti bil-kriterju tad-Djar tal-Knisja li applikaw tard (1h) u tat-*transfer* li applikaw tard (1h).

Dawn l-applikanti jitqiegħdu fil-lista ta' stennija skont il-ġerarkija tal-kriterju u l-poloz partikulari.

**2.0** **IT-TIENI KRITERJU - KAŻIJIET SERJI:**

**Jiġu milqugħa numru ta' tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E., tfal li jistgħu jitqiesu bħala każijiet soċjali u każijiet ta' ażil.**

**2.1** Għal Każijiet Serji wieħed għandu jara r-Regolamenti tad-Dħul ta' Każijiet Serji u r-Regolamenti tad-Dħul ta' tfal li meta huma jew il-ġenituri / kustodji tagħhom ġew Malta applikaw għall-ażil. Dawn qed jiġu ppublikati f'dokumenti separati li jġibu t-titlu ta' *Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Malta 2025-2026 Każijiet Serji* u *Church Schools Admissions 2025-2026 Regulations for Asylum Seekers*

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

rispettivament. Ir-regolamenti dwar il-Każijiet Serji u tal-"*Asylum Seekers*" għandhom jitqiesu bħala parti minn dawn ir-Regolamenti. Dawn id-dokumenti qegħdin fuq www.knisja.mt.

2.2 Ir-Regolamenti tal-Każijiet Serji jipprovdu għad-dħul ta':

- **każijiet serji tal-ewwel kriterju** jiġifieri każijiet serji ta' tfal mid-djar tal-Knisja, ta' tfal tal-impjegati fl-istess skola, ta' aħwa, ta' trasferiment, ta' eżentati mill-attendenza, ta' tfal minn Skola tal-Knisja bla Kontinwità, ta' tfal tal-impjegati fi skola oħra u ta' Każijiet Soċjali ta' tfal b'Ordni ta' Ħarsien li jgħixu fl-istess Dar Residenzjali.
- **każijiet serji tat-tielet kriterju** jiġifieri każijiet serji "Applikanti Oħra".

2.3 **Tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E.** - Taħt dan il-kriterju ninkludu tfal li:

- huma *statemented* li għandhom bżonn għajnuna ta' L.S.E. jew simili, u li għalihom l-iskejjel jistgħu jipprovdu programm ta' edukazzjoni individwalizzat (IEP).
- bdew jew se jibdew il-proċess għand l-*istatementing moderating panel* jew għand ic-C.D.A.U.
- għandhom jew se jkollhom xi ċertifikat mingħand psikologu edukattiv jew simili, li jista' iwassal għal għajnuna ta' L.S.E. jew simili.
- tfal li se japplikaw għall-ewwel sena kindergarten u li meta ġew *screened* għall-awtiżmu ġie ndikat li jista' ikollhom bżonn ta' L.S.E.

Mal-applikazzjoni għandhom jiġu sottomessi d-dokumenti rilevanti.

2.4 Tfal li diġà għandhom *statement* u talbu reviżjoni tiegħu jew għamlu appell sad-data tal-applikazzjoni għandhom japplikaw bħala Każ Serju. Il-Kummissjoni tistudja dawn il-każijiet u tiddeċiedi dwarhom.

2.5 F'każijiet fejn l-applikant ikun diġà *statemented* u għandu L.S.E. imma jkun għamel progress u fl-opinjoni tal-ġenituri / kustodji, tal-iskola u tal-psikologu edukattiv ikun jista' ikompli l-edukazzjoni tiegħu mingħajr l-għajnuna tal-L.S.E. u sal-**31 ta' Ottubru 2024** tkun saret talba lill-i*Statementing Moderating Panel* sabiex jitneħħa s-sapport tal-L.S.E., l-applikant, inizjalment, għandu japplika bħala *mainstream* u għandu jippreżenta t-talba li saret biex jitneħħa l-L.S.E. u dokumentazzjoni rilevanti oħra.

Il-Bord tad-Dħul jiddetermina jekk l-applikazzjoni titqiesx bħala mainstream jew bħala każ serju.

2.6 Tfal li l-i*statement* tagħhom jaqra *'Learner's needs to be met by Class Teacher'* għandhom japplikaw mal-applikazzjonijiet fil-*mainstream*. Mal-applikazzjoni, l-ġenituri / kustodji ta' dawn l-applikanti huma **obbligati** li jippreżentaw li *Statement of Needs* u l-aħħar rapport mill-psikologu edukattiv.

2.7 Tfal li għandhom xi allerġiji u / jew jista jkun hemm bżonn li tintuża l- Epi-Pen pero' m'għandhomx bżonn l-għajnuna tal-LSE, għandhom japplikaw mal-applikazzjonijiet fil-mainstream.
Mal-applikazzjoni, il-ġenituri / kustodji ta' dawn l-applikanti **huma obbligati** li jippreżentaw l-aħħar rapporti mediċi għar-rigward.

2.8 Importanti li jekk jinbidlu ċ-ċirkustanzi wara li ssir l-applikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni, jiġi notifikat l-Uffiċċju tad-Dħul. Dan japplika kemm jekk applikant jibda il-proċess is-CDAU, jew għand psikologu jew jiżviluppaw kundizzjonijiet mediċi bħal diabete, epilepsija eċċ, kif ukoll jekk jinbidel is-sapport jew jingħata s-sapport tal-LSE (ara paragrafu 2.13).

2.9 Dawk li ma japplikawx skont kif indikat hawn fuq u nkitbu fi Skola tal-Knisja, jitilfu d-dritt tal-post fl-iskola tal-Knisja. Dikjarazzjonijiet foloz jirriżultaw f'invalidita' tal-applikazzjoni.

2.10 **Każijiet soċjali**. Jistgħu jaqgħu taħt din il-kategorija, tfal li qegħdin taħt *Care Order*. Tfal li qegħdin *b'Care Order* u qed jgħixu fl-istess dar ma' tfal *b'Care Order* li jattendu skola tal-knisja jistgħu japplikaw biex jinkitbu fl-istess skola tal-knisja, jekk hemm post vakanti (ara Regolamenti tal-Każijiet Serji paragrafu 1.10).

Applikanti ta' Każijiet Soċjali jistgħu jkunu *mainstream* jew bis-sapport tal-L.S.E. Għalhekk jiġu kkunsidrati skont il-kundizzjoni tagħhom.

Ma jiġux ikkunsidrati bħala Każijiet Soċjali dawk li bħala kawża jagħtu xi waħda biss minn dawn ir-raġunijiet: tfal minn ommijiet mhux miżżewġa; fejn jidħlu separazzjonijiet; tfal adottati; tfal li qegħdin f'*foster families*. Dwar tfal adottati u tfal li qegħdin f'*foster families* ara wkoll Kriterju 1ċ.

2.11 **Każijiet ta' Ażil.** Numru żgħir ta' postijiet fl-iskejjel tal-Knisja qed jiġi allokat għal tfal li meta huma jew il-ġenituri / kustodji tagħhom ġew Malta applikaw għall-ażil.

2.12 Tfal tal-ażil li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. kif hu deskritt f'paragrafu 2.3, għandhom japplikaw skont dawn ir-Regolamenti tal-Każijiet Serji bħala "Applikanti Oħra" jew skont il-każ.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

**2.13** Tfal li ma jkunux applikaw bħala każ serju u jibdew jaraw psikologu edukattiv jew simili li jistà jwassal għall-għajnuna ta' L.S.E jew jiżvolġi l-bżonn tal-għajnuna ta' L.S.E., iridu jinfurmaw l-Uffiċju tad-Dħul immedjatament u idealment qabel il-poloz. Dawn jitqiegħdu fil-grupp relevanti skont l-għajnuna meħtieġa (ara paragrafu 8.3 Regolamenti Każijiet Serji) u tittella' polza b'dan il-mod. L-applikanti jiġu preżentati b'żewġ gruppi ta' numri: wieħed miż-0 sad-9 u l-grupp l-ieħor miż-0 sa kemm hemm għexieren ta' applikanti. Dawn iż-żewġ gruppi jirrappreżentaw il-*units u* l-għaxriet. Jittella' numru minn kull grupp. Iż-żewġ numri li jittellgħu jiffurmaw in-numru tal-applikant. Probabbli li bħal dan in-numru jkun jeżisti n-numru ta' applikant ieħor. F'każ li dawn iż-żewġ applikanti jkun imisshom għażla ta' skola u ma jkunx hemm post għalihom it-tnejn, tittella' polza bejniethom. Dan il-proċess ma jħassarx għażliet li jkunu diġà saru (ara paragrafu 2.8).

## 3.0 IT-TIELET KRITERJU - MAINSTREAM - "APPLIKANTI OĦRA"

**3.1** Fost l-"Applikanti Oħra" jista' jkun hemm aħwa li qed japplikaw fl-istess żmien għad-dħul fl-istess sena (p.eż. tewmin) jew fi snin tad-dħul differenti. Meta huwa possibli l-aħwa jistgħu jinkitbu fl-istess skola ta' ħuthom jew fi skola tal-istess entità reliġjuża. Dan isseħħ meta ssir l-għażla ta' skola ta' wieħed / waħda mill-aħwa. Jekk ma jkunx hemm post għall-applikanti aħwa kollha jintuża l-ordni tal-polza ta' min ikun qed jagħmel l-għażla ta' skola.

Fil-każ ta' tewmin, triplets eċċ. it-tifel / tifla li j / tiġi lura fil-polza j / tingħata l-istess numru ta' dak li j / tkun ġie / ġiet qabel.

Dan japplika wkoll għall-każijiet serji jekk ikun possibli. L-ewwel jieħdu posthom il-każijiet serji tal-ewwel kriterju. Jista' ikun li skola jkollha post vakanti għal *Shared* L.S.E. u l-applikant ikun *full-time* L.S.E. u għalhekk l-iskola ma tkunx tista' taċċetta lit-tifel / tifla f'dak il-każ partikulari.

Sabiex dan iseħħ huwa neċessarju li fuq il-formola tal-applikazzjoni ta' kull wieħed mill-aħwa jrid jiġi dikjarat min hu ħuh u għal liema sena qed japplika. Fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni ma jiġix applikat il-Kriterju tal-Aħwa. Dan japplika anke fil-każ ta' aħwa bniet.

**3.2** F'każ lit-total ta' applikanti tal-ewwel kriterju, inkluz l-applikanti bil-kriterji ta' skola tal-Knisja bla Kontinwità u ta' tfal tal-impjegati fi skola oħra jkun akbar mit-total ta' postijiet vakanti, ma jintlaqgħux applikazzjonijiet bil-kriterju ta' "Applikanti Oħra".

## 4.0 SOTTOMISSJONI TA' AKTAR MINN APPLIKAZZJONI WAĦDA

**4.1** L-Applikazzjoni bil-Kriterji 1b (tfal tal-impjegati fl-istess skola), 1ċ (aħwa) u 1d (transfer) hija wkoll applikazzjoni bil-kriterju 3. Għalhekk ma hemmx għalfejn issir applikazzjoni oħra. Min jixtieq iħassar l-applikazzjoni bil-Kriterju 3 għandu jikteb lil-Bord skont paragrafu 17.5. Jista jkun li l-applikazzjoni bil-Kriterju 3 ma tapplikax (ara paragrafi 4.7 u 4.8).

**4.2** Min japplika bil-Kriterju ta' tfal tal-impjegati fl-istess skola (Kriterju 1b) ma jistax japplika bil-Kriterju ta' tfal tal-impjegati fi skola oħra (Kriterju 1ġ). U vice versa. Sakemm il-ġenituri / kustodji ma jkunux t-tnejn jaħdmu fi skejjel tal-Knisja differenti u l-kriterju 1b jkun japplika għal ġenitur / kustodju u l-kriterju 1ġ għal ġenitur / kustodju l-ieħor. Eċċezzjoni oħra għal dan il-kriterju tapplika meta l-ġenituri / kustodji qed japplikaw għall-skola li ma għandiex postijiet vakanti għal dak il-livell. P.eż. ġenitur li jaħdem Santu Wistin u għandhom tifel għall-ewwel sena sekondarja jew ġenitur / kustodju li jaħdem St Joseph u għandha tifla għall-ewwel sena sekondarja.

**4.3** Min japplika bil-Kriterju ta' Eżenzjoni (Kriterju 1e) jista' japplika wkoll bil-Kriterju ta' "Applikanti Oħra" (Kriterju 3).

**4.4** Min japplika bil-Kriterju ta' Skola bla Kontinwità (Kriterju 1f) ma jistax japplika wkoll bil-Kriterju ta' "Applikanti Oħra" (Kriterju 3) għax diġà se jieħu sehem fil-Polza tal-Għażla bħal ma jagħmlu dawk li jiġu mill-"Applikanti Oħra".

**4.5** Min japplika bil-Kriterju ta' tfal tal-impjegati fi skola oħra (Kriterju 1ġ) irid jagħżel jew li japplika bil-Kriterju 1ġ li bih jieħu sehem fil-Polza tal-Għażla jew li japplika bil-Kriterju 3 tal-"Applikanti Oħra" u jieħu sehem fil-Polza ta' Parteċipazzjoni.

**4.6** Kull tant jingħata l-każ li applikant jista' japplika kemm bil-Kriterju ta' tfal tal-impjegati fl-istess skola (Kriterju 1b) kif ukoll bil-Kriterju tal-Aħwa (Kriterju 1ċ). F'dan il-każ ikun jista' japplika wkoll bil-Kriterju ta' "Applikanti Oħra" (Kriterju 3).

**4.7** Kull tant jingħata l-każ li applikant jista' japplika kemm bil-Kriterju ta' tfal tal-impjegati fl-istess skola (Kriterju 1b) kif ukoll bil-Kriterju ta' Skola bla Kontinwità (Kriterju 1f). F'dan il-każ ma jistax japplika

bil-Kriterju ta' "Applikanti Oħra" (Kriterju 3) għax diġà se jieħu sehem fil-Polza tal-Għażla bil-Kriterju ta' Skola bla Kontinwità.

**4.8** Kull tant jingħata l-każ li applikant jista' japplika kemm bil-Kriterju tal-Aħwa (Kriterju 1ċ) kif ukoll bil-Kriterju ta' Skola bla Kontinwità (Kriterju 1f). F'dan il-każ ma jistax japplika bil-Kriterju ta' "Applikanti Oħra" (Kriterju 3) għax diġà se jieħu sehem fil-Polza tal-Għażla bil-Kriterju ta' Skola bla Kontinwità.

**4.9** Applikanti fi Skola tal-Knisja li għandha Kontinwita' (p.eż. Livell Primarju u Sekondarju) iżda li jixtiequ jmorru fi Skola tal-Knisja differenti jistgħu jagħmlu dan bla ma jitilfu d-dritt li jibqgħu telgħin fl-istess skola. F'dan il-każ, dawn l-applikanti jridu japplikaw ma' "Applikanti Oħra" (paragrafi 3 u 10).

**4.10** Min japplika bil-Kriterju ta' Każ Serju ma jistax japplika bi Kriterju ieħor. Jekk il-Bord tad-Dħul jiddeċiedi li l-każ mhux serju, l-applikazzjoni titqiegħed mal-Kriterju rilevanti – ara r-Regolamenti tal-Każijiet Serji paragrafu 10.4.

**4.11** L-applikanti li jistgħu jagħmlu aktar minn applikazzjoni waħda jiġu mitluba jagħmlu l-għażla finali dwar f'liema skola jridu jmorru (jew f'dik li qegħdin jew fi skola ġdida) dakinhar tar-Reġistrazzjoni ta' Skola.

**5.0** **SENA TAT-TWELID TAL-APPLIKANT - Kull min japplika għal post irid ikun twieled/ trid tkun twieldet fis-sena 2014 u jkun qed jagħmel / tkun qed tagħmel is-sitt sena primarja.**

**5.1** Il Bord jista' jilqa' talbiet għall-eżenzjoni minn dan ir-regolament għal raġunijiet speċifiċi, inkluż dawk li jkunu rrepetew xi sena. Dawn it-talbiet għandhom isiru bil-miktub sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn meta ssir l-applikazzjoni.

Il-ġenituri / kustodji għandhom jiktbu lill-Bord tad-Dħul fl-indirizz li jidher f' paragrafu 17.5 u jippreżentaw id-dokumenti kollha rilevanti u mitluba mill-Bord. Il-Bord tad-Dħul jiddeċiedi jekk tingħatax eżenzjoni jew le.

**6.0** **L-ISKEJJEL LI SE JAĊĊETTAW TFAL FL-EWWEL SENA SEKONDARJA HUMA:**

| **SKEJJEL TAL-BNIET** | **Lokalità** | **Postijiet *Mainstream*** | **Każijiet Serji** |
|---|---|---|---|
| Sacred Heart College | San Giljan | 28 | 5 |
| St. Jeanne Antide College Immaculate Conception Secondary | Tarxien | 0 | 0 |
| Our Lady Immaculate | Ħamrun | 21 | 3 |
| St. Dorothy | Ħaż-Żebbuġ | 0 | 0 |
| St. Francis | Sliema | 0 | 0 |
| St. Joseph | Blata l-Bajda | 0 | 0 |
| St. Joseph | Paola | 1 | 0 |
| St. Joseph | Sliema | 0 | 0 |
| St. Monica | Gzira | 0 | 0 |
| St. Monica | Birkirkara | 0 | 0 |
| **Total Bniet** | | **50** | **8** |

| **SKEJJEL TAS-SUBIEN** | **Lokalità** | **Postijiet *Mainstream*** | **Każijiet Serji** |
|---|---|---|---|
| De La Salle | Birgu | 16 | 6 |
| St. Augustine | Pietà | 0 | 0 |
| St. Dominic Savio | Dingli | 42 | 6 |
| St. Elias | Sta Venera | 38 | 10 |
| St. Michael | Sta Venera | 59 | 13 |
| St. Paul's Missionary College | Rabat | 0 | 0 |
| Stella Maris College | Gżira | 17 | 6 |
| Is-Seminarju | Rabat | 0 | 0 |
| **Total Subien** | | **172** | **41** |

| **SKEJJEL SUBIEN U BNIET** | **Lokalità** | **Subien** | | **Bniet** | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | **Postijiet *Mainstream*** | **Każijiet Serji** | **Postijiet *Mainstream*** | **Każijiet Serji** |
| St Albert | Valletta | 10 | 2 | 10 | 2 |
| St Aloysious | Birkirkara | 16 | 1 | 17 | 1 |
| **Total Subien u Bniet** | | **26** | **3** | **27** | **3** |

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

**6.1** It-total ta’ postijiet mainstream offruti għall-bniet huwa **77**. It-total ta’ postijiet għall-każijiet serji għall-bniet huwa **11**. It-total ta’ postijiet għall-bniet mainstream u każijiet serji flimkien huwa **88**. It-total ta’ postijiet mainstream offruti għas-subien huwa **198**. It-total ta’ postijiet għall-każijiet serji għas-subien huwa **44**. It-total ta’ postijiet għas-subien mainstream u każijiet serji flimkien huwa **242**.

**6.2** It-total ta’ każijiet serji jinkludi dawk li għandhom bżonn l-għajnuna ta’ L.S.E., ta’ Każijiet Soċjali u ta’ tfal li qed ifittxu l-ażil. F’każ ta’ neċessità jista’ ivarja n-numru ta’ postijiet offruti *mainstream* u każijiet serji iżda t-total ta’ postijiet offruti ma jkunx anqas mit-total ta’ postijiet ippublikati.

**6.3** L-ammont ta’ postijiet vakanti jonqos wara li jsiru l-applikazzjoni tal-ewwel kriterju. Qabel jintlaqgħu l-applikazzjonijiet tal-“Applikanti Oħra” toħroġ ċirkulari fejn jiġu ddikjarati n-numru ta’ postijiet ġa mimlija.

**6.4** F’każ ta’ neċessità, fl-iskola St. Aloysius College Secondary, u St Albert the Great College Valletta jista’ ivarja n-numru ta’ subien jew bniet iżda mhux it-total għad-dħul f’kull skola.

**6.5** Xi skejjel inizjalment ma joffrux postijiet vakanti għaliex il-postijiet jimtlew bit-tfal li telgħin mis-sitt sena primarja. Jekk jitbattlu xi postijiet dawn jimtlew skont il-kriterji tad-dħul.

**6.6** Waqt il-proċess tar-reġistrazzjoni xi applikanti minn skola tal-Knisja jagħżlu skola oħra u hekk iħallu post vakanti fl-ewwel skola tal-Knisja. Dawn il-postijiet vakanti jiġu offruti lil min ikun imissu skont ir-Regolamenti tad-Dħul. Per eżempju, tifel li jkun jattendi skola “x” tal-Knisja fis-sitt sena primarja jinkiteb fi skola oħra għall-ewwel sena sekondarja. Il-post vakanti fl-iskola “x” li kien se jokkupa fl-ewwel sena sekondarja jiġi offrut lil min imissu fil-proċes tad-Dħul tal-Ewwel Sena Sekondarja.

## 7.0 RELIĠJON:

**7.1** L-iskop tal-Iskejjel tal-Knisja huwa li jagħtu edukazzjoni ċivika u nisranija lit-tfal skont l-ideali tal-Knisja Kattolika kif imfissra fid-Dokumenti tal-Knisja dwar l-Edukazzjoni Nisranija. L-iskejjel tal-Knisja joffru t-tagħlim tar-Reliġjon Kattolika li jinkludi tagħlim tal-etika kattolika. Dawn l-iskejjel mhux se joffru suġġetti alternattivi għal dan is-suġġett.

**7.2** St. Paul’s Missionary College u St Dominic Savio jaċċettaw biss applikanti li jippreżentaw ċertifikat tal-Magħmudija fil-Knisja Kattolika jew ċertifikat ta’ aċċettazzjoni fil-Knisja Kattolika.

**7.3** St. Augustine College, is-Seminarju, Our Lady Immaculate Ħamrun, St Dorothy Ħaż-Żebbuġ u Sliema, u s-Sacred Heart College jaċċettaw applikanti li jippreżentaw ċertifikat tal-Magħmudija fil-Knisja Kattolika jew ta’ Knisja Nisranija oħra.

**7.4** L-iskejjel l-oħra jaċċettaw l-applikanti kattoliċi, nsara u oħrajn.

## 8.0 INFORMAZZJONI U DOKUMENTI MEĦTIEĠA GĦALL-APPLIKAZZJONI

**8.1 Waqt l-applikazzjoni onlajn ikun hemm bżonn li tagħti din l-informazzjoni:**

Isem u Kunjom tat-tifel / tifla, Numru tal-Karta tal-Identità tat-tifel / tifla, Data ta’ Twelid tat-tifel / tifla, Ġeneru tat-tifel / tifla, Indirizz, Lokalità, u Kodiċi Postali, Numru tat-telefown tad-dar, Isem u Kunjom l-omm / il-missier / Kustodju 1 u / jew 2, Numru tal-Karta tal-Identità tal-omm / tal-missier / tal-Kustodju 1 u / jew 2, Mowbajl tal-omm / tal-missier / tal-Kustodju 1 u / jew 2, Imejl tal-omm jew tal-missier jew tal-Kustodju 1 u / jew 2.

**8.2 Waqt l-applikazzjoni onlajn ikun hemm bżonn li ttella’ dawn id-dokumenti.**

**a.** Il-Kattoliċi u Nsara oħra ittelgħu Ċertifikat tal-Magħmudija.

**b.** Estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid (tal-Insinwa) tat-tifel / tifla.

**ċ.** Barranin li ma għandhomx karta tal-identità Maltija huma miltlub li flok in-numru tal-karta tal-identità jiktbu in-numru tal-passaport u jtellgħu ritratt tal-passaport.

**d.** Ritratt tat-tifel / tifla.

**e.** Waqt l-applikazzjoni l-ġenituri / kustodji jiġu mitluba juru l-kunsens tagħhom mad-Dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data. Din id-Dikjarazzjoni tista’ taraha u / jew tniżżilha minn www.knisja.mt. Il-ġenituri / kustodji jiġu mitluba jindikaw jekk iridux li jiġu notifikati jekk l-Uffiċċju tad-Dħul ikollu bżonn jikkuntatja lill-iskola tat-tfal tagħhom.

**f.** Dikjarazzjoni tal-Programm Edukattiv mill-Kap tal-Iskola li fiha jiġi ndikat jekk l-istudent / a isegwix / ssegwix program ta’ Edukazzjoni *mainstream*, għandux / għandhix bżonn xi għajnuna (access arrangements), jew jekk għandux / għandix bżonn l-għajnuna ta’ L.S.E, jew beda / bdiet il-proċess għal-i*statementing*.

Din id- Dikjarazzjoni tista’ tniżżilha minn www.knisja.mt.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

F'ċertu ċirkustanzi d-Dikjarazzjoni tal-Programm Edukattiv tista' tintbagħat aktar tard. F'dan il-każ, l-applikant irid jindika jekk l-istudent / a isegwix / ssegwix programm t'edukazzjoni *mainstream*, għandu / ha arranġament għal waqt l-eżamijiet jew mgħejun / a minn LSE jew beda / bdiet l-proċess għal-i*statementing*. Jekk ikun hemm diskrepanza bejn id-dikjarazzjoni tal-ġenitur / kustodju u l-kap tal-iskola, il-Bord tad-Dħul iqis valida l-indikazzjoni skont il-kap tal-iskola u hemm possibilita' li l-għażla li jkunu għamlu l-ġenituri / kustodji ma tibqax tgħodd.

**Sabiex l-applikazzjoni tkun valida, d-Dikjarazzjoni tal-Programm Edukattiv, iffirmata mil-kap tal-iskola, ma tistgħax tintbagħat aktar tard minn ġimgħa wara r-Reġistrazzjoni ta' Skola. Jekk dan ma jsirx ir-Reġistrazzjoni tkun invalida.**

**ġ.** L-applikazzjoni minn ġenitur / kustodju wieħed, jew minn rappreżentant tal-ġenituri / tal-kustodji, tindika li hemm qbil bejn il-ġenituri / il-kustodji li ssir din l-applikazzjoni.

**g.** F'każ ta' ġenituri / kustodji separati fejn il-Qorti ddeċidiet li l-kustodja u / jew l-edukazzjoni tal-ulied hija konġunta, hemm bżonn il-kunsens taż-żewġ ġenituri / kustodji u kopja tal-aħħar dokument tal-Qorti, fejn jindika l-kustodja u r-responsabiltà għall-edukazzjoni tat-tifel / tifla.

Jekk xi ħadd mill-ġenituri / kustodji ma jaqbilx ma' din l-applikazzjoni jew mhux infurmat bl-applikazzjoni, u ma tahx il-kunsens tiegħu / tagħha, din l-applikazzjoni tirriżulta invalida.

**Dokumenti Oħra meħtieġa skont il-kriterju li wieħed qed japplika.**

**għ. Jekk qed tapplika skont il-Kriterju ta' Tfal minn Djar tal-Knisja (1a) jew il-Kriterju Każijiet Soċjali ta' tfal b'Ordni ta' Ħarsien li jgħixu fl-istess Dar Residenzjali (2i):**

Dikjarazzjoni fuq formola apposta, mimlija u ffirmata mid-Direttur tad-Dar tal-Knisja / Dar Residenzjali li turi lit-tifel / tifla huwa / hija residenti fid-Dar tal-Knisja / fid-Dar Residenzjali. Din id-Dikjarazzjoni għandha ssir dakinhar tal-applikazzjoni. Għandha tiġi ndikata wkoll l-iskola li għandu jinkiteb fiha t-tifel / tifla.

Id-Dikjarazzjoni tista' tniżżilha minn www.knisja.mt.

**h. Jekk qed tapplika skont il-Kriterju tal-Aħwa:**

i. Ċertifikat tat-twelid tar-Reġistru Pubbliku (tal-Insinwa) tal-aħwa l-oħra;
ii. Fotokopja tal-Karta tal-Identità taż-żewġ ġenituri / tal-kustodji;
iii. F'każ ta' tfal adottati jew li qegħdin f'*foster families*, hemm bżonn ukoll ċertifikat mill-Aġenzija li jindika li t-tifel / tifla huma adottati, jew hemm ftehim ta' *fostering*.
iv. F'każ ta' applikazzjonijiet skont paragrafi 1ċ ii, iii u iv hemm bżonn ukoll id-dokumenti tal-kustodja **U** d-dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar (ara paragrafu 1ċ)

**ħ.** Applikanti li għandhom *Statement of Needs* li jgħid *"Learner's needs are to be met by Class Teacher"* għandhom jippreżentaw l-i*Statement of Needs* u l-aħħar rapport mill-psikologu edukattiv.

**i.** Applikanti li għandhom xi allerġiji u / jew jista jkun hemm bżonn li tintuża l-Epi-Pen għandhom jippreżentaw l-aħħar rapporti mediċi għar-rigward.

**j.** Dokumenti li ma jiġux sottomessi waqt l-applikazzjoni għandhom jiġu sottomessi onlajn permezz ta' din il-ħolqa: https://knisja.mt/forms/csm-missing-documents/ Ikun hemm bżonn li tniżżel in- numru tal-applikazzjoni kif ukoll il- passcode.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, id-dokumenti kollha tal-applikazzjonijiet tal-Ewwel Kriterju għandhom jiġu sottomessi sal-31 ta' Jannar 2025 u d-dokumenti kollha tal-applikazzjonijiet tat-Tielet Kriterju għandhom jiġu sottomessi sal-31 ta' Marzu 2025. F'każ li dan ma jsirx, l-applikazzjoni tkun **invalida**.

## 9.0 L-APPLIKAZZJONIJIET

**9.1 L-Applikazzjoni għad-dħul fl-Iskejjel tal-Knisja jsiru onlajn. Min ghandu bżonn l-għajnuna sabiex jagħmel l-applikazzjoni onlajn għandu jċempel kif indikat f'paragrafi 9.2, 9.3, 10 u 10.1.**

- **M'għandhomx isiru aktar minn applikazzjoni waħda għal kull kriterju f'isem l-istess applikant.**
- **Dawk li japplikaw bil-kriterju tal-impjegati, tal-aħwa, tat-transfer u ta' skola bla kontinwita' huma mitluba li jagħtu l-informazzjoni dwar dan il-kriterju. Din l-informazzjoni tiġi vverifikata mal-iskola u mas-Segretarjat, skont il-każ.**

**9.2 APPLIKAZZJONIJIET TAL-EWWEL KRITERJU**

Applikazzjonijiet skont il-Kriterji ta' Tfal minn Djar tal-Knisja, tfal tal-impjegati fl-istess skola, tal-Aħwa, ta' *transfers*, ta' tfal minn Skola tal-Knisja bla Kontinwità u tfal tal-impjegati fi skola oħra (paragrafi 1a-1ġ), isiru:

- onlajn fuq https://church.mt/applications
- Mil-Ħamis 21 ta' Novembru sal-Ħamis 28 ta' Novembru 2024
- Min għandu bżonn l-għajnuna sabiex jagħmel l-applikazzjoni onlajn għandu jċempel fuq 2203 9360 f'dawn il-ħinijiet; mit-9:00 a.m. sas-2:00 p.m.

Il-formoli tal-applikazzjonijiet ma jitniżżlux minn fuq is-sit elettroniku.
Mal-applikazzjoni huma meħtieġa d-dokumenti msemmija f' paragrafu 8.

**9.3 APPLIKAZZJONIJIET TARD TAL-EWWEL KRITERJU**

- onlajn fuq https://church.mt/applications
- Mil-Ħamis 5 ta' Diċembru sal-Ħamis 12 ta' Diċembru 2024
- F'każ ta' diffikulta' fil-mili tal-applikazzjoni onlajn wieħed jista' jċempel fuq 2203 9360 mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-9:00 a.m. u s-2:00 p.m.

**10.0 APPLIKAZZJONIJIET KRITERJU 1h u TAT-TIELET KRITERJU "APPLIKANTI OĦRA" (paragrafu 3):**

- onlajn fuq https://church.mt/applications
- Mit-Tlieta 4 ta' Frar sal-Ħamis 13 ta' Frar 2025
- Min għandu bżonn l-għajnuna sabiex jagħmel l-applikazzjoni onlajn għandu jċempel fuq 2203 9360 f'dawn il-ħinijiet, mit-9:00 a.m. sas-2:00 p.m.

Il-formoli tal-applikazzjonijiet ma jitniżżlux minn fuq is-sit elettroniku. Mal-applikazzjoni huma meħtieġa d-dokumenti msemmija f' paragrafu 8.

**10.1 APPLIKAZZJONIJIET TARD TAL- KRITERJU 1h u "APPLIKANTI OĦRA" (paragrafu 3):**

- onlajn fuq https://church.mt/applications
- Mil-Ħamis 20 ta' Frar sal-Ħamis 27 ta' Frar 2025
- F'każ ta' diffikulta' fil-mili tal-applikazzjoni onlajn wieħed jista' jċempel fuq 2203 9360 mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-9:00 a.m. u s-2:00 p.m.

**10.2** Kull min japplika onlajn skont l-Ewwel Kriterju nkluż Każijiet Serji tal-Ewwel Kriterju, u ma jirċeviex *acknowledgement* tal-applikazzjoni sal-Ħadd 19 ta' Jannar 2025, għandu jikkuntattjana skont paragrafu 17.5.

Kull min japplika onlajn skont it-Tielet Kriterju u l-Kriterju 1h, inkluż Każijiet Serji "Applikanti Oħra", u ma jirċeviex *acknowledgement* tal-applikazzjoni sat-Tlieta 18 ta' Marzu 2025, għandu jikkuntattjana skont paragrafu 17.5.

**10.3** Fuq is-sit elettroniku www.knisja.mt jiġu ppubblikati listi numerati bl-ismijiet ta' dawk li jkunu applikaw skont il-Kriterji 1a-1ġ u l-Kriterju 1h u t-tielet kriterju.

**11.0 ĦLASIJIET - Sabiex jiġu koperti spejjeż amministrattivi qed jintalbu dawn il-ħlasijiet:**

**11.1** Ħlas tal-Applikazzjoni €25.
Ħlas ta' Applikazzjoni tard €30.

**11.2** Ħlas ta' reġistrazzjoni li jsir mal-għażla ta' skola €50.

**12.0 POLOZ ĠENERALI**

**12.1 Isiru żewġ Poloz Ġenerali: POLZA TA' PARTEĊIPAZZJONI u POLZA TAL-GĦAŻLA.**

**12.2** Dawn is-sessjonijiet ser ikunu trasmessi live fuq www.knisja.mt u nutar ikun preżenti u jiċċertifika l-proċess kollu.

F'każ li tinqala' xi problema li minħabba fiha ma tkunx tista' issir it-trażmissjoni diretta, jittella' filmat mill-aktar fis possibli.

**12.3** Fl-eventwalità li xi isem ta' applikant ma jkunx inkluż fil-polza, il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja jagħmel polza oħra kif ser nispjegaw. Jiġu preżentati tlett gruppi ta' numri: tnejn miż-0 sad-9 u grupp ieħor miż-0 sa kemm hemm numru ta' mijiet ta' applikanti. Dawn it-tlett gruppi jirrappreżentaw il-*units,* l-għaxriet u l-mijiet. Jittella' numru minn kull grupp. Dawn it-tlett numri jiffurmaw in-numru tal-applikant. Probabbli li bħal dan in-numru jkun jeżisti n-numru ta' applikant ieħor. F'każ li dawn iż-żewġ applikanti jkun imisshom għażla ta' skola u ma jkunx hemm post għalihom it-tnejn, tittella' il-polza bejniethom.

**13.0 POLZA TA' PARTEĊIPAZZJONI - SUBIEN u BNIET: It-Tlieta, 1 ta' April 2025**

13.1 Bil-Polza ta' Parteċipazzjoni jiġu magħżula dawk l-applikanti minn fost l- **"Applikanti Oħra"** li 'l quddiem jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla. Din il-Polza hi miftuħa **biss** għal **"Applikanti Oħra" inkluż dawk li applikaw bil-Kriterju 1h, li ma ġewx irreġistrati fl-iskola li kienu eliġibli għaliha.** Dawn l-applikanti jitqiegħdu wara xulxin skont kif jitilgħu bil-polza. Dan il-proċess ikompli sakemm jitilgħu l-applikanti kollha. Ikun hemm Polza ta' Parteċipazzjoni għall-Bniet u oħra għas-Subien.

13.2 It-tlugħ tal-Polza ta' Parteċipazzjoni jiġi trasmess *live,* dirett fuq www.knisja.mt, it-Tlieta, 01 ta' April 2025. Tas-**SUBIEN** tibda fid-9:00 a.m u tal-**BNIET** tibda f'10:30 a.m.

13.3 Ir-riżultat tal-Polza ta' Parteċipazzjoni jiġi ppubblikat fuq www.knisja.mt. Jiġu ppubblikati n-numru tal-applikazzjoni, l-isem u l-kunjom u n-numru li jkun tela' / telgħet fih it-tifel jew tifla. **Ma tingħata ebda informazzjoni fuq it-telefown.**

13.4 In-numru ta' **"Applikanti Oħra"** li jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla jkun ekwivalenti għan-numru ta' postijiet li jkun fadal mit-total tal-postijiet *mainstream* offruti mill-iskejjel kollha f'daqqa (paragrafu 6, subien = **198**, bniet =**77**) **WARA** li jitnaqqas minn dan it-total in-numru ta' applikanti skont l-Ewwel Kriterju (paragrafi 1a-1h) u aħwa li qed japplikaw fl-istess żmien għad-dħul fl-istess sena (p.eż. tewmin) jew fi snin tad-dħul differenti (paragrafu 3.1).

**14.0 POLZA TAL-GĦAŻLA - SUBIEN u BNIET: Il-Ħamis, 10 ta' April 2025**

14.1 Bil-Polza tal-Għażla jiġi stabbilit l-ordni li bih issir ir-Registrazzjoni ta' Skola. Min jitla' l-ewwel jirreġistra l-ewwel, eċċ..

14.2 Dakinhar tal-polza jiġi ppubblikat in-numru totali ta' postijiet vakanti. Jieħdu sehem fil-**Polza tal-Għażla** l-applikanti skont il-Kriterju ta' Tfal fis-Sitt Sena Primarja ta' Skola tal-Knisja bla Kontinwità (paragrafu1f) u tfal tal-impjegati fi skola oħra (paragrafu 1ġ), u "Applikanti Oħra" determinati skont il-Polza ta' Parteċipazzjoni (paragrafu 13).

14.3 In-numru totali ta' postijiet li jridu jimtlew bil-Polza tal-Għażla hu n-numru totali ta' postijiet *mainstream* offruti mill-iskejjel kollha f'daqqa (paragrafu 6, subien = **198**, bniet = **77**), **WARA** li jitnaqqas minn dan it-total in-numru ta' applikanti tal-Ewwel Kriterju li ġew reġistrati (paragrafi 1a-1e u 1h) u aħwa li qed japplikaw fl-istess żmien għad-dħul fl-istess sena (p.eż. tewmin) jew fi snin tad-dħul differenti (paragrafu 3.1).

14.4 It-tlugħ tal-Polza tal-Għażla jiġi trasmess *live fuq www.knisja.mt* u se jsir Il-Ħamis 10 ta' April. **Il-polza tas-SUBIEN** tibda fid-9:00 a.m. u **tal-BNIET** tibda fil-10:30 a.m.

14.5 Ir-riżultat tal-Polza tal-Għażla jiġi ppubblikat fuq www.knisja.mt. Jiġu ppubblikati n-numru tal-applikazzjoni, l-isem u l-kunjom u n-numru li jkun tela` / telgħet fih it-tifel jew it-tifla.

**15.0 REĠISTRAZZJONI TA' SKOLA -** Għal tfal mingħajr l-ebda tip ta' sapport (*mainstream*)

15.1 **Ftit jiem qabel ir-Reġistrazzjoni ta' Skola l-ġenituri / kustodji li jmisshom jirreġistraw lil uliedhom jiġu mfakkra b'imejl** bid-dettalji tar-Reġistrazzjoni ta' Skola skont paragrafu 15.4 u bin-numru ta' postijiet vakanti skola, skola. **Ma tingħata ebda informazzjoni fuq it-telefown.**

15.2 Fuq il-websajt www.knisja.mt tiġi ppublikata lista ta' dawk li ser jieħdu sehem fir-Reġistrazzjoni ta' skola skont ir-riżultat tal-polza tal-għażla.

15.3 Ir-Reġistrazzjoni ta' Skola tiġi trasmessa *live* fuq www.knisja.mt Waqt it-trasmissjoni nċemplu lill-ġenituri / kustodji li jkun imisshom u nistaqsuhom liema skola ser jagħżlu għal-uliedhom.

15.4 Ir-Reġistrazzjoni ta' Skola għas-SUBIEN se tkun it-**Tlieta, 29 ta' April 2025** u tibda fid-9:00 a.m.

Ir-Reġistrazzjoni ta' Skola għall-BNIET se tkun il- **Tlieta, 6 ta' Mejju 2025** u tibda fid-9:00 a.m.

15.5 Huwa obbligatorju li dak inhar tar-Reġistrazzjoni ta' Skola il-ġenituri / kustodji jkunu disponibbli fil-ġurnata u l-ħin muri hawn fuq sabiex jagħmlu l-għażla meta jkun imisshom. Inċemplu persuna wara l-oħra skont l-ordni stabbilit bil-polza tal-għażla. Hija r-responsabiltà tal-ġenituri / kustodji li jkunu disponibbli għal din ir-reġistrazzjoni ta' skola jew li jawtorizzaw lil xi ħaddieħor minflokom.

15.6 F'każ li ma nagħmlux kuntatt mal-ġenituri / kustodji li jkun imisshom, it-telefonati jkomplu għaddejjin. Minn ħin għal-ieħor nerġgħu nippruvaw nikkuntatjawhom. Dawn il-ġenituri / kustodji jkunu jistgħu iċemplulna fuq 7951 5491. Min ma jweġibx it-telefown x'ħin jkun imissu, jkun jista' jagħmel l-għażla meta naqbduh iżda ma jkollux dritt iħassar l-għażliet li jkunu laħqu saru. Jekk din il-proċedura ma sseħħx ma jitqisx bħala xi nuqqas minn naħa tal-Bord tad-Dħul.

15.7 L-għażla tal-ġenituri / kustodji li jiddeċiedu li ma jibgħatux lill-uliedhom fi skola tal-Knisja tkun reġistrata bħala *"No Choice".*

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

**15.8** Wara l-għażla ta' skola, il-proċess tar-Reġistrazzjoni jkompli permezz ta' imejls.

**15.9** Jekk wara li tagħlaq is-sessjoni ta' reġistrazzjoni u jkun baqa' postijiet vakanti, eventwalment jissejjaħ min imissu. Dan jingħata wkoll l-opportunità li jimla' il-formola tal-lista ta' stennija.

**16.0** ***WAITING LIST***

**16.1** Wara kull sezzjoni ta' reġistrazzjoni l-ġenituri / kustodji għandhom l-opportunita' li jindikaw skola alternattiva. Il-formola ta' stennija tkun tista' timtela onlajn jew permezz ta' imejl. Din il-formola tista' timtela ukoll minn ġenituri / kustodji li ma jagħżlux skola. Huma jibqgħu jżżommu posthom skont l-ordni stabbilit bil-Polza tal-Għażla paragrafu 14.1.

**16.2** Fuq il-Formola ta' Stennija l-ġenituri / kustodji jistgħu jindikaw skola waħda biss. Tista' titniżżel wkoll skola li m'għandhix postijiet vakanti, jiġifieri dawk li għandhom 0 fil-kolonna 'Numru ta' Postijiet' paragrafu 6, jekk il-ġenituri / kustodji huma interessati fiha (ara paragrafu 1.6).

**16.3** Il-preferenzi tal-ġenituri / kustodji jiffurmaw il-*waiting list*. Il-*waiting list* tkun ippublikata fuq il-websajt www.knisja.mt u tiġi aġġornat minn żmien għal żmien. Il-*waiting list* tintuża meta jinqala' post vakanti f'xi skola. Il-postijiet vakanti jiġu offruti skont il-Kriterji tad-Dħul u / jew lil min ikun l-aktar `il quddiem fl-ordni tal-Polza tal-Għażla.

**16.4** Il-formola ta' Stennija tista' tiġi rreveduta darba biss. Tibda tgħodd minn wara li tiġi ppublikata l-*waiting list* aġġornata.

**16.5** L-attendenza f'xi skejjel għall-postijiet vakanti li jimtlew wara l-bidu tas-sena skolastika, tibda mis-sena skolastika li jmiss.

**16.6** L-ordni stabbilit permezz tal-Polza ta' Parteċipazzjoni u tal-Polza tal-Għażla jintuża bħala *waiting list* ġenerali u jibqa' attiv sat-30 ta' Ġunju 2026 għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja fis-sena skolastika 2025-2026.

**17.0** **TAGĦRIF IEĦOR**

**17.1** Tfal irreġistrati fi skola tal-Knisja huma obbligati li jattendu regolarment l-iskola rreġistrati fiha mill-bidu tas-sena skolastika li għaliha jkunu applikaw.

**17.2** Tista' tingħata eżenzjoni f'każ ta' ġenituri / kustodji li se jkunu barra minn Malta għal xi raġuni serja, bħal xogħol, mard jew studju għal perijodu ta' sena skolastika minn meta t-tfal suppost jibdew jattendu l-iskola. Sabiex iseħħ dan, il-ġenituri / kustodji għandhom jiktbu lill-Bord tad-Dħul sabiex jinfurmawh b'din il-ħtieġa tagħhom, iż-żmien tal-permanenza, u jibagħtu dokumentazzjoni relevanti li tipprova li huma se jkunu barra minn Malta għal xi raġuni serja.

Tista' tintalab eżenzjoni għat-tieni sena skolastika billi l-ġenituri / kustodji jerġgħu jiktbu lill-Bord u jagħtu d-dettalji meħtieġa. Il-Bord jiddeċiedi kull każ skont il-merti tiegħu. Il-Bord jinforma lill-ġenituri / kustodji bid-deċiżjoni tiegħu. Id-deċiżjoni tal-Bord hija finali. Il-post ma jibqax riservat jekk it-tfal eżentati ma jibdewx jattendu l-iskola saż-żmien stipulat.

**17.3** L-iskejjel kollha jitolbu li tingħatalhom kopja tar-riżultati tal-Ħames u tas-Sitt Sena Primarja.

Għandha tingħata kopja tar-riżultat lill-iskola li wieħed jinkiteb fiha u jingħata permess lill- Awtoritajiet Edukattivi jgħaddu din l-informazzjoni lill-iskola. Jekk ma jagħmilx dan jitneħħa minn fuq ir-reġistru tal-iskola.

**17.4** **Kull informazzjoni li int tagħti lill-Bord tad-Dħul dwarek u dwar it-tifel / tifla tiegħek u li skont l-Att tal-2018 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data hija "data personali", tiġi pproċessata biss skont l-Att imsemmi – ara paragrafu 8e.**

**17.5** Tista' tikkomunika mal-Bord u mal-Uffiċċju tad-Dħul f'dan l-indirizz: Segretarju, Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja, Binja Josmar, 30, Triq Idmejda, Ħal- Balzan BZN 1521, jew admissions@maltadiocese.org.

**17.6** Kull min ma jirċeviex xi tweġiba mwegħda f'dawn ir-Regolamenti, għandu jikkuntattja l-Bord sa ġimgħa wara d-data rilevanti.

**17.7** Proċeduri dwar il-ksur ta' dawn ir-Regolamenti qed jiġu ppublikati fuq www.knisja.mt. Ksur ta' dawn ir-Regolamenti jista' jwassal għall-esklużjoni tal-applikanti minn dan il-proċess jew tat-tfal mill-iskola f'każ li jkunu ġa reġistrati, kif ukoll għal azzjonijiet oħra. Min jixtieq jagħmel xi allegazzjoni ta' ksur ta' dawn ir-Regolamenti għandu jagħmel dan skont il-Proċeduri msemmija. L-allegazzjonijiet għandhom ikunu ndirizzati lid-Direttur Ġenerali għall-Edukazzjoni Nisranija, Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16 il-Mall, Floriana, FRN 1472, numru tat-telefown 2779 0060, imejl: ian.mifsud @maltadiocese.org.

17.8 Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten, fit-tieni sena kindergarten, fl-ewwel sena primarja u fl-ewwel sena sekondarja joħorġu Regolamenti għal kull sena skolastika u huwa neċessarju li ssir applikazzjoni kull sena.

**17.9 Dawn ir-Regolamenti japplikaw hekk kif huma miktubin għal din is-sena. Jista' jkun li fil-futur jinbidlu. Jista' jkun li fil-futur tinbidel ukoll is-sitwazzjoni tal-iskejjel. Għalhekk mhux garantit li l-opportunitajiet preżenti jkunu jeżistu wkoll fil-futur. Jistgħu jibqgħu l-istess, jonqsu jew jiżdiedu.**

**17.10 Wara l-istadju tal-applikazzjoni, kull bidla fiċ-ċirkustanzi tal-applikant għandha tiġi mgħarfa lil Uffiċċju tad-Dħul fl-iSkejjel tal-Knisja. Fin-nuqqas ta' dan, l-applikazzjoni tista' tiġi nvalida.**

**18.0 Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Serji hija finali.**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**